# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum  10 ta' Mejju 2002**

**Appell Nru 21/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli (**1**) fl-10 ta' Novembru, 1999, fil-foss ta' San Gakbu, Floriana, ghall-habta tal-11.00am, volontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vincent Lia, liema feriti kkagunaw debulizza permanenti fis-sahha jew il-funzjoni ta' xi parti mill-gisem, skond ma ccertifika Mr Raymond Gatt MD, FRCS; (**2**) ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Vincent Lia, uffucjal tal-PTA, persuna inkarugata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel dak is-servizz jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; (**3**) talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBY-532 b'manjiera perikoluza, (**4**) b'manjiera traskurata u (**5**) bla kont; kif ukoll (**6**) talli hu sar recidiv, skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, peress li huwa kien precedentement instab hati u kkundannat ghal reati b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra; l-ewwel qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Vincent Lia billi torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali skond il-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Jannar, 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Zahra hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' sena prigunerija;  inoltre, dik il-qorti skwalifikatu minn kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena, liema periodu jibda jiddekorri wara li jiskonta l-piena ta' prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Zahra, minnu ppresentat fit-30 ta' Jannar, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta' April, 2002; ikkunsidrat:

1. Dana l-appell jirrigwarda incident li sehh fil-Foss ta' San Gakbu, il-Furjana (barra Bieb il-Belt) meta l-karozza tal-linja misjuqa mill-appellant laqtet lill-*Enforcement Officer* tal-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku Vincent Lia. B'konsegwenza tal-impatt l-imsemmi Lia garrab offiza fuq il-persuna tieghu.
2. L-appellant, fir-rikors tieghu, jikkontendi bazikament li dak li gara kien incident dovut ghall-fatt li Lia, li kien aljenat jiehu d-dettalji ta' xi vetturi, ghamel pass lura b'mod li hu dahal fil-vettura misjuqa mill-istess appellant. L-appellant jichad kategorikament – kif jirrisulta li anke cahad kategorikament quddiem l-ewwel qorti – li hu b'xi mod ried iwegga' lil dan Lia. Aggravju iehor ta' l-appellant hu li ma hemmx il-prova li l-offiza li garrab Vincent Lia ikkagunat debulizza <u>permanenti</u> fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem.
3. Issa, hu risaput li din il-Qorti ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti, izda taghmel ezami approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel qorti setghetx, legalment u ragonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha.
4. Biex ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni jista' jinghad li gie ppruvat, irid jirrisulta mill-provi u a sodisfazzjon tal-Qorti (ghal dak li hu l-element formali tar-reat) li l-appellant jew ried jaghmel xi hsara (zghira kemm hi zghira) fil-gisem jew fis-sahha ta' Lia (intenzjoni posttiva diretta), <u>jew</u> li, ghalkemm ma riedx jaghmillu hsara, <u>ippreveda</u> l-possibbilita` li b'dak li kien ser jaghmel seta' jikkaguna hsara u, ghalkemm ma riedx li ssir hsara, kien indifferenti[1] ghall-konsegwenza ta' ghemilu b'mod li xorta gahmel l-att li kkaguna l-hsara (intenzjoni posittiva indiretta). Issa, anke jekk wiehed kellu jiehu id-deposizzjoni ta' Vincent Lia bhala li tirrispekkja ezatt dak li gara (u din il-Qorti hi tal-fehma li hekk ghandha taghmel), wiehed ma jistax jghid li jirrisulta sodisfacentement pruvat, cioe` lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-appellant jew ried iwegga' lil dan Lija jew li ppreveda li seta' jwegghu u xorta ghamel l-att in kwistjoni. Dan kien kaz fejn l-appellant mar bil-karozza tal-linja tieghu vicin Lia u, b'kemm kemm jitharrek, messu bil-genb tal-vettura. Anke jekk, kif qed tallega l-prosekuzzjoni u kif jghid Lia, dan messu deliberatament – tant li, skond Lia, l-appellant qallu ghal aktar minn draba "Skuzani, bic-cajt ghamilta" – ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz la jindikaw intenzjoni li wiehed iwegga' u anqas jindikaw li s-sewwieq ippreveda l-possibilita` ta' hsara. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kaz in dizamina hu pjuttost wiehed fejn is-sewwieq <u>naqas li jipprevedi dak li kien prevedibbli</u>; jigifieri li kieku s-sewwieq (l-appellant) uza l-attenzjoni u l-prudenza li wiehed jistenna minn sewwieq normali, huwa kellu jintebah li b'dak li kien ser jaghmel seta' jikkaguna xi hsara lil Lia. Ghalhekk il-hsara kkagunata lil Lia

[1] Tali indifferenza tista' tigi imfissra bl-esperssjoni "jigi jaqa' w iqum".

ma kienitx dolosament kagunata, izda kienet kagunata kolposament. Isegwi ghalhekk li f'dan il-kaz ma hux applikabbli l-Artikolu 214 tal-Kodici Kriminali, izda l-Artikolu 226.

5. Kwantu ghan-natura tal-hsara kkagunata, l-appellant ghandu ragun meta jikkontendi li ma gietx pruvata d-debulizza permanenti (fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem). Id-deposizzjoni tal-kirurgu ortopediku Raymond Gatt – li ma kienx gie nominat bhala perit, ossia bhala espert, mill-Qorti – tista' twassal biss ghall-konkluzzjoni li l-offiza li garrab Lia tista' ggib periklu ta' tali debulizza permanenti (Art. 261(1)(a)(ii)), izda mhux ukoll li hu probabbli li dik id-debulizza tkun permanenti (Art. 218(1)(a)(2)).
6. In vista ta' dak li nghad hawn aktar 'l fuq, ma jistax jinghad li jikkonfigura r-reat ipotizzat bit-tieni imputazzjoni, reat li hu wiehed ta' natura doluza.
7. Kwantu ghat-tielet, raba' u hames imputazzjonijiet – li l-ewwel qorti kkunsidrathom bhala imputazzjoni wahda – certament jirrisulta s-sewqan perikoluz u traskurat, pero` mhux dak bla kont.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: (**a**) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant Joseph Zahra hati skond l-ewwel imputazzjoni u minflok issibu hati tar-reat minuri, izda kompriz u involut f'dak imputat, ta' offiza involontarja fuq il-persuna, liema offiza kienet gravi minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 (cioe` din il-Qorti qed tiddikjara lill-appellant hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9); (**b**) thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn sabitu hati skond it-tieni imputazzjoni u skond il-hames imputazzjoni, u tilliberah minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet; (**c**) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena ta' sena prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' tlett (3) xhur prigunerija mil-lum; u (**d**) tikkonferma s-sentenza appelleta fil-bqija.

Aldo Testone
Dep. Registratur